MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2007

Numru 377/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETUR CARMELO MAGRI**
**SPETTUR MICHAEL MALLIA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**

**KONTRA**

**BRIAN MALLIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Brian Mallia ta’ 32 sena, bin Louise u Alfrida nee’ Borg, imwieled Tal-Pieta’ nhar il-11 ta’ Lulju, 1974, residenti fil-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 321374(M);

Akkuzat talli b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, u cioe:

1. Nhar it-8 ta’ Marzu, 2005 f’xi hin matul il-gurnata, mill-fond Flat 5, Block C, Wesgha Matti Preti, Birgu, ikkommetta serq ta’ diversi gojjelli u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Joseph Grech, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00) u bil-lok;

2. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejejg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Joseph Grech liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00);

3. U aktar talli nhar il-21 ta’ Ottubru, 2004, f’xi hin matul il-gurnata, ikkommetta serq ta’ satellite receiver, decoder, flus kontanti, u oggetti ohra mill-fond numru 5, Alexandra Buldings, Triq Tas-Sliema, Gzira, ghad-dannu ta’ Mario Mifsud u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u l-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00);

4. U aktar talli nhar il-21 ta’ Ottubru, 2004, f’xi hin matul il-gurnata, ikkommetta serq ta’ playstation, telefon cellulari, flus kontanti, u oggetti ohra mill-fond numru 6, Alexandra Buildings, Triq Tas-Sliema, Gzira, ghad-dannu ta’ Mario Mifsud, u/jew xi persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u l-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00);

5. U aktar talli fl-istess dati u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Romina Aida, Mary Camilleri, Mario Mifsud, u/jew persuni ohra, liema hsara tammonta ghal izjed minn hamsin lira maltin (Lm50.00), izda ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin (Lm500.00);

6. U aktar talli f’xi hin bejn it-2 u t-3 ta’ Settembru, 2004, mill-fond numru 12, Triq l-Arcisqof fil-Belt Valletta, ikkommetta serq ta’ flus kontanti, midalji, u

diversi oggetti ohra ghad-dannu ta’ Mons Philip Calleja, u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u l-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00);

7. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Mons Philip Calleja, u/jew persuni ohra, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda ma tiskorrix il-hamsin lira maltni (Lm50.00);

8. U aktar talli nhar is-17 ta’ Jannar, 2004, ghall-habta tal-11.00 ta’ fil-ghodu fil-Belt Valletta, flimkien ma’ persuna ohra, ikkommetta serq ta’ portmonie kontenenti ghoxrin liri maltin (Lm20.00), u xi dokumenti, ghad-dannu ta’ Grazia Formosa;

9. U aktar talli nhar is-16 ta’ Jannar, 2004 ghall-habta ta’ 2.40 ta’ wara nofsinhar mill-fond bl-isem Mousu Travel Agency, sitwat f’Telghet Spencer, Marsa, flimkien ma’ persuna ohra, ikkommetta serq ta’ biljetti tal-lotterija b’valur ta’ sittin lira maltin (Lm60.00), ghad-dannu ta’ John Mousu;

10. U aktar talli nhar id-9 ta’ Dicembru, 2004 f’xi hin matul il-gurnata mill-fond bl-iem Metaltron Flats, 2, Triq in-Naxxar, San Gwann, flimkien ma’ persuna ohra ikkometta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb, apparat cellulari tal-marka Sony Ericcson, u Lm150.00 fi flus kontanti ghad-dannu ta’ Josephine Spiteri, liema serqa huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bil-lok;

11. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Josephine Spiteri, liema hsara tammonta gahl izjed minn hamsin lira maltin (Lm50.00), izda ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin (Lm500.00);

12. U aktar talli nhar it-12 ta' Frar, 2007 ghall-habta tas-6.00 ta' fil-ghaxija, mill-fond bl-isem Victoria, Triq il-Gurbell, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' flus kontanti u diversi oggetti tad-deheb ghad-dannu ta' Dolores Scicluna, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, lok, u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00);

13. U aktar fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Dolores Scicluna, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00);

14. U aktar talli nhar it-3 ta' Dicembru, 2002 ghall-habta tas-1.30 ta' wara nofsinhar, flimkien ma' persuni ohra, mill-hanut bl-isem Victor Galea Haberdashery, sitwat fi Triq San Gwann, Valletta, ikkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Eric Galea, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00);

15. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Eric Galea, lieam hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00), izda ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00);

16. U aktar talli nhar il-11 ta' Lulju, 2002 fi Triq San Pawl, Valletta, flimkien ma' persuni ohra, ikkommetta serq ta' diversi grosos tas-sigaretti minn vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni CAO 861, ghad-dannu ta' Carmelo Attard, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bix-xorta tal-haga misruqa.

17. U aktar talli fl-imsemmija dati u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuhda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

18. U aktar talli fl-istess dati u cirkostanzi kkommetta diversi reati ta' serq aggravat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), datata 24 ta' Jannar, 2003;

19. U kif ukoll talli finalment sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumeneti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat li l-imputazzjoni tar-ricetazzjoni inghatat bhala alternattiva ghal dik ta' serq, u ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Wara li rat illi l-imputazzjoni ta' kommissjoni ta' reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza gia' dahlet fis-sehh, u ghaldaqstant il-Qorti wkoll tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha;

Wara li rat illi l-imputazzjoni ta' hsara volontarja kienu mezz ghall-fini tar-reat ta' serq, u wara li rat l-imputazzjonijiet kollha ta' serq u qieset il-piena idonea skond id-Disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll tal-artikoli hanw indikati:

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 268, 269, 270, 271, 272, 273, 274, 275, 276, 289, 49 u 50, 334, 325, u 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Brian Mallia hati, u ghaldaqstant tikkundannah ghal hames (5) snin prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------